KUNSILL LOKALI HAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 32 – It-Tnejn 13 ta' April 2015 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 31 TAL-15 TA' MARZU 2015

1.1 Is-Sindku bdiet il-laqgħa billi stiedniet lill-Kunsilliera biex jgħidu jekk hemm xi korrezzjonijiet minn fuq il-minuti. Is-Segretarju nfurmat li l-Minority Leader Dr. Marc Sant kien għamel korrezzjoni waħda fuq 5.34 dik tal-'Catch The Drop'. L-HSBC kienet ser tagħti *sponsor* u mhux kwotazzjoni lill-Kunsill wara li kien ġie deċiż li jinataw *sponsors* lil min ikun ser jagħmel proġetti żgħar. Għalhekk 5.34 trid inqara hekk Ġ Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq il-'Catch the Drop Campaign' u qal li kien ġie nfurmat li l-HSBC kienu aċċettaw li jħallsu għal dan ix-xogħol. Għalhekk hu talab li sakemm l-applikazzjoni tgħaddi għand l-HSBC, il-Kunsill jilħaq iġib xi kwotazzjonijiet oħra għal dan ix-xogħol. Dan biex ngħaddu il-pipe fuq l-isprall li hemm

minn Triq Giovanni Barbara għal ġo Vjal it-Trasfigurazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-minuti nr 31 tal-15 ta' Marzu 2015 ġew approvati.

## 2. ARISING FUQ MINUTI NR 31 Tal-15 TA' MARZU 2015

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 3.2 fuq ir-rotta tal-karozza tal-linja f'Tal-Mirakli. Is-Segretarju nfurmat li wara li ntbagħtet e-mail lill-Prof. Maria Attard biex tagħddilna il-pjanti fuq din il-*Bus route*, hija wieġbet li dawn kienu *proposals* mit- 2008 – 2009 ta' l-Arriva. Is-Segretarju kompliet tgħid li TM kienu wieġbu li għalissa ma għandhomx rotot ġodda fuq it-Trasport Pubbliku . Ġie deċiż li tinbagħtat mappa ta' Ħal Lija lis-Sinjorina Lorraine Farrugia biex hi timmarka eżatt kif kienet il-*proposal* ta' l-Arriva u tinbagħat lit-TM. Kemm is-Sindku u kemm is-Sinjorina Farrugia qalu li kienu tkellmu fuq din ir-rotta, ukoll mal-Ministru Joe Mizzi.

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, staqsiet fuq 4.2 fuq ix-xogħolijiet ta' Triq id-Dejqa. Hija tkellmet fuq il- *Water Connections* li saru fi Triq id-Dejqa. Hija qalet li x-xogħolijiet fuq il kannen ta' l-ilma ħarġu iktar milli suppost. Dawn kellhom isiru bilfors imma issa baqa it-terrapien. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk din il-biċċa triq hux ser issir bil-*concrete imprint*. Is-Sindku qalet li il-kuntrattur wara li ilesti ż-żewġ biċċiet xogħol oħra bil-*concrete imprint*, jibda jagħlaq it-trufijiet. Din it-triq ġiet sabiħa ħafna u r-residenti kuntenti ħafna. S-Segretarju nfurmat li x-xogħol f'ewwel biċċa ġie ċċertifikat mill-Perit u l-formoli u l-*invoice* mill-kuntrattur ser jinbagħtu lill-MEPA. Din l-ewwel biċċa ta' Triq id-Dejqa ġiet tiswa' €25,000. Is-Segretarju kkonfermat ix-xogħolijiet tal-*Water Services* ma jiġux parti mill-proġett tal-UIF *Funds*.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li s-soru tad-Dumnikani qed tgħid li x-xelter tan-naħa tagħha huwa tagħhom. Is-Sindku kkonfermat mal-kuntrattur li kull xelter għandu jkollu aċċess. Għandna nikkonfermaw mal-Perit li kull xelter li hemm jibqa' mikxuf u jidher. Hemm xelter li jinfed mad-dar tas-sorijiet imma l-ieħor le.

2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-*parking* ta' fuq iz-zuntier tal-Kappella tal-Mirakli. Is-Segretarju nfurmat li kienet marret fuq il-post ma' espert tat-TM flimkien mas-Sindku u dan qal li *parking* quddiem id-*drive ins* mhuwiex problema sakemm li ma jirfsux il-line li hemm. L-istess huwa il-*parking* ħdejn il-kappella. Dan l-espert tat-TM qal li probabilment din hija art tal-Knisja u sakemm dawn il-karozzi ma jirfsux

il-*line*, dawn jistgħu jipparkjaw anke peress li din mhiex qisa bankina normali għax hija wiesgħa ħafna. Hu ħa r-ritratti u għandu jerġa jkellimna wara li jitkellem mat-TM. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ma qablitx ma dan peress li hija qed tgħid li fuq bankina hi ta min hi, ħadd ma jista jipparkja. Barra min hekk hemm periklu anke minħabba it-tfal.

2.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq ir-*request* tal-bankina ta' Triq Ramiro Barbaro peress li hi qed tgħid li din ma għaddietx mill-Kunsill. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ikonfermat li dan ir-request ilu li ġie diskuss u ġie approvat. Is-Sinjorina Cutajar qalet li jekk issir bankina f'Ramiro Barbaro il-karozzi ma jgħaddux. Is-Sindku spejget li s-Sur Muscat tat-TM ħa ritratti anke bil-karozzi għaddejjin biex ikun jista' jiddiskuti mat-TM.

2.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li jekk isir bankina f'Ramiro Barbara għandha anke ssir il-bankina ukoll fi Triq il-Kbira fejn kienet saret ir-*request* mir-residenti ta' *Church Cottage* peress li hija qalet li l-Perit kien diġa qal li bankina fi triq il-Kbira ma tistax isir. Hija kompliet tgħid li din il-bankina hija l-istess bħal ta' Triq Ramiro Barbaro. Is-Segretarju qalet li meta kien ġie l-espert tat-TM l-ewwel darba kien qal li fi triq il-Kbira, bankina ma tistax isir u forsi għandu jsir 'whie line'. Fuq dan il-Kunsilliera staqsew x'*protection* jista jkun hemm bil-white lineĊ Is-Sindku qalet li b'dan il-line il-karozzi jafsu fuq in-naħa l-oħra. S-Segretarju kompliet tgħid li skond il-liġi bankina dejqa ma tistax issir għax trid tkun wiesa 1.50m, għalhekk it-TM trid taċċetta li ssir bankina dejqa.

2.7 Is-Sinjoirna Lorraine Farrugia staqsiet fejn ser isir ir-'Reserved parking' tar-resident ta' Main Street. Ġie kkonfermat li dan għandu jsir fejn hu l-iktar komdu għar-resident. Is-Sindku kkonkludiet li għalhekk inġibu l-esperti biex jaraw u japprovaw. Qegħdin nistennew risposti mingħandhom u jkollna bil-miktub biex aħna nirreferu lir-residenti.

2.8 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-kopplu l-kbir li hemm fi Triq Preziosi mad-dar tal-faċċata ħdejn Villa Francia li jidher li hu bla permess. Irid jiġi iċċekjat dan u titieħed azzjoni. Il-ħaddiema iridu jieħdu ritratti ta' dan il-kopplu. Is-Sinkdu qalet li filkas isiru *reflectors* bħal ma għamilna ma' ħaddiehor.

2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-line li tkellimna fuqu biex isir fi triq il-Kbira. Hija qalet li dan il-line u fejn hemm 'blind corners' bħal ħdejn il-Garfields, ħdejn Apap Store, irid jiġi akkumpanjat ma' sign ta' raġel u tifel. Hija staqsiet għaliex ma nibdewx li fejn hemm white line, nagħmlu dawn is-signs. Is-Sindku u l-Kunsill qabel dwar dan il-

kunċett. Dettalji ta fejn għandhom isiru għandna nitkellmu fuqhom aktar il-quddiem.

2.10 Is-Segretarju tkellmet fuq il-*Bye-Laws*, li għandhom mhux uffiċċjalment approvati peress li dawn l-ewwel iridu jgħaddu għand il-*Justice Unit* fejn jiġu iċċekkjati bħala *spelling* u li huma skond il-liġi. Wara jerġgħu jintbagħtu l-Kunsill għal approvazzjoni. Wara dan iridu jitressqu quddiem il-kabinet għal approvazzjoni tal-Prim Ministru u l-Ministru. Meta jiġu approvati jintbagħtu l-Kunsill biex jiġu ffirmati tintbagħat l-ewwel paġna bil-firem lill-*Justice Unit*. Dawn jiġu ppublikati fil-gazzetta tal-Gvern ma' l-ewwel set ta' *bye-laws*. F'dan il-mument qed isiru l-aħħar korrezzjonijiet qabel ma tinbeda din il-proċedura.

2.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq id-dawl ta' Triq id-Dejqa fejn qalet li qabel kien hemm fanal li kien inqala' għal xi raġuni jew oħra għax jidher li hemm fanal nieqes jew bozza tal-Gvern nieqsa. Il-fanal jew bozza trid terġa titwaħħal in-naħa ta' *Melania Store*. Hija kompliet titkellem li l-bozzoz li hemm jistgħu jitqawwew għax hemm dawl baxx. Trid tinbidel il-majka u minflokha issir ħġieġa jew inkella tinqala waħda mill-majka. Fuq din ta' l-aħħar ikun hemm periklu fix-xita. Għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet biex jinxtraw ħġieġ minflok il-majka. Ħdejn is-Salvatur il-Qadim hemm fanal li huwa bil-ħġieġ. Il-fanali kollha ta' triq id-Dejqa għandhom isiru tal-ħġieġ bħal dan il-fanal. Għandha tinqala majka u tinġieb kwotazzjoni ta' ħġieġa flok majka.

## 3. JUM ĦAL LIJA

3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi bdiet titkellem fuq Jum Ħal Lija għal din is-sena u fejn hi taqbel, bħal ma ġie deċiż is-sena l-oħra, li persuna waħda tiġi nominata għal Ġieh Ħal Lija u li qed tisuġġerixxi lil Fr. David li serva lil Ħal Lija għal erbatax il-sena bħala Kappillan u għamel ġid mar-raħal bir-restawr kollu li sar fi żmienu u li qed igawduh ir-raħal kollhu. Din kienet inizjattiva tiegħu.

3.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija mhux ma taqbilx ma dak li qed tisuġerixxi s-Sindku imma jekk l-għaqdiet ser jinnominaw lil xi ħadd ukoll, allura ser jiġu nominati tnejn. Is-Sinjorina Farrugia qalet li jew jiġi nnominat mill-Kunsill jew jiġi nominat mill-għaqdiet. Is-Sindku qalet li taqbel li jiġi nominat mill-Kunsill peress li din l-attivita' hija tal-Kunsill

3.3 Dan il-ħin kien 17.52p.m. u wasal il-Minority Leader Dr. Marc Sant peress li kien inqabad fit-traffiku

3.4 Is-Sinjoirna Stephanie Cutajar ikkonfermat li għandna indaħħlu l-għaqdiet għal din id-deċiżjoni. Hija issuġerit li Ġieħ Ħal Lija tingħata mill-għaqdiet u l-Kunsill jagħti ukoll ringrazzjament lil min jinnomina hu. Fl-istess ħin hija kompliet tgħid li peress li Fr .David għadu kif spiċċa, l-unika ċans li jingħatalu Ġieħ Ħal Lija, hija din is-sena meta lill-ħaddieħor tista tingħata dejjem.

3.5 Ġie deċiż li għandna niktbu lill-għaqdiet biex jinnominaw lil xi ħadd huma u jekk ma jssemux lil Fr.David, il-Kunsill jinnomina li min irid hu. Irridu nibdew naħsbu għaliha u għandhom jgħidulna sa l-aħħar ta' Mejju 2015.

3.6 Is-Sindku tkellmet fuq il-programm ta' Jum Ħal Lija u peress li 6 ta' Lulju 2015 ġej it-Tnejn, isir attivita' il-Ħadd 5 ta' Lulju u fil-ġurnata ta' Jum Ħal Lija isir il-quddiesa ta' ringrazzjament u jingħata Ġieħ Ħal Lija.

3.7 Is-Sindku qalet li jistgħu jiġu organizzati l-*MultiCultural Activities* u l-akkordian Band li tista tagħti s-servizz b'xejn. Għandu jsir *brain storming* fuq x'jista' jsir għal din l-attivita' u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Dan fid-dawl tal-pożizzjoni finanzjarja li l-Kunsill jinstab bħalissa.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq żewġ ittri li kienu fuq il-korrispondenza. Dawn kienu żewġ claims oħra flimkien ma' *claims* li diġa għandna fuq Triq Pantar u Triq tat-Torba.

4.2 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk tħallsux il-*claims* u s-Segretarju qalet li dawn ma tħallsux għax ma għandnix minn fejn. Hija kompliet tgħid li ktibna l-ittri lill-Ministru u lid-Dipartiment fuq dan imma qatt ma irċevejna l-ebda risposta. Anke il-Minority Leader, Dr.Marc Sant qal li qatt ma ħa l-ebda risposta mingħand ħadd. Is-Segretarju kompliet tgħid li qed iċemplu n-nies li għamlu l-*claims* u ma nafux x'naqbdu ngħidulhom aktar.

4.3 Is-Sindku tkellmet fuq ir-request urġenti ħafna ta' residenti minn Sqaq Nru.2 Triq Preziosi fejn il-gallarija tagħhom qed tiġi milquta ta' sikwit. Fuq dan ir-*request*, is-Sur Muscat tat-TM ħa ritratti u qed nistennew *feedback* ukoll. Is-Sindku kompliet tgħid li sakemm it-TM jagħtu permess għall-bollard għandha forsi anke issir qasrija. Din il-povra residenta trid toqgħod imsakkra ġewwa darha u ma jistax ikun. Għandha ssir iktar *enforcement* fuq it-tabelli li hemm fejn ma jistawx jidħlu

trukkijiet. Dan ir-*request* diġa applikajna għalih lit-TM bl-eforms, pero qatt ma ħadna risposta ta' xejn.

4.4 Is-Segretarju nfurmat li kemm ilna nirraportaw requests bl-eforms lit-TM mhux qed ikollna l-ebda *response*. Hija kompliet tgħid li meta konna nagħmlu *requests* direttament lis-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto konna nirċievu risposti mill-ewwel. Is-Sindku ħeġġet lill-Minority Leader Dr. Marc Sant biex imexxi dan l-ilment lil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 5. VIP LIST

5.1 Resident jixtieq jagħmel *request* għal *sleeping policeman* fi Triq Robert Mifsud Bonnici. Hu qed jitlob biex issir fil-kisra li hemm eżatt kif taqbeż il-ground ta' l-iskola. Qed jissuġerixi dan għax qed jibża li hemm periklu kbir għax ħafna tfal jaqsmu minn hemm biex imorru għal l-iskola jew għall-futbol filgħaxija. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qed jisuġerixxi li jsiru erbgħa *white lines* fin-nofs biex taqsam it-triq u biex ikun hemm indikazzjoni fuq liema naħa il-karozzi għandhom isuqu. Is-Segretarju issuġerit li din ir-request għandhna tinbagħat lit-TM imma is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ma għandix għalfejn nistaqsu lit-TM. Pero meta nagħmluhom ninfurmaw lit-TM li dawn saru for *health and safety* qabel ma jsir xi aċċident. Is-sleeping policeman ma tistax isir jew isir fejn m'hemmx djar.

5.2 Is-Segretarju nfurmat li r-resdienti ta' triq il-Mitħna għadhom iridu r-rampa. Għandhom jiġu kkuntatjati r-residenti biex naraw fejn iriduha eżatt għax tista' isir ħdejn it-*telephone box*. Din għandha titwaħħal pero m'għandha iddejjaq lil ħadd. Din għandha titwaħħal temporanjament sakemm isir dak li approvaw it-TM u isir tat-tarmac.

5.3 Il-Minoirty leader Dr. Marc Sant qal li saritlu *request* mingħand residenti f'Massimiliano Debono u Triq Ġużeppi Portelli mal-barumbara għal sleeping policeman minħabba l-ilma. Għandna nagħddu dan ir*-request* lill-Perit għal parir tiegħu.

5.4 Ambaxxata Ġermaniza - *Request for Reserved Parking*. Saret talba bl-eforms mit-TM. Ir-*Reserved* diġa eżistenti mhiex privata għal Ambaxxata .

5.5 Resident jixtieq jagħmel *request* ta' *skip* fi naħa ta' Halmann fejn hemm il-ftuħ lejn il-qabar ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela biex nies jħamġu inqas u ż-żibel jibda jintefa fiha. Issugerixxa ukoll li ma' l-skip issir *camera to monitor the area.-* Hu lest li jgħin lill- Kunsill.

Il-Kunsilliera iddiskutew dan ir-*request*. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit li jinġiebu il-*bring-in-sites* iż-żgħar mill-Green Pak u nagħmluhom ħdejn ta' Borġu Farmhouse fi Treqet Kjeriku Gakbu Abela. Is-Sindku qalet li f'din area, it-triq hija ħażina ħafna, allura ser ikun hemm problema kemm għan-nies biex jarmu u kemm biex jitbattlu dawn is-*sites*. Il-Kunsill iddeċieda li minħabba is-sitwazzjoni finanzjarja, il-Kunsill mhux f'pożizzjoni japprova dan ir-request għalissa. Il-Kunsill iddeċieda li għal żmien ta' prova inġibu il-*bring in sites* f'din l-area.

5.6 Il-Kunsill irċieva *request* mingħand it-TCTC biex jerġgħu isiru il-lezzjonijiet tal-komputer għas-sajf għat-tfal għal prezz ta' €1150. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-*request*, imma peress li issa hemm l-apparat tal-*live Streaming* fejn kienu isiru il-lezzjonijiet ma nistawx narmaw bil-kompjuters. Il-Kunsill iddeċieda li jipprova jingħaqad mal-Kunsilli tal-madwar L-Iklin, Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija biex barra li jinqasmu l-ispejjes, jinstab post alternattiv fejn jistgħu isiru dawn il-lezzjonijiet.

5.7 Is-Sindku tkellmet fuq il-*meeting* li hija flimkien mas-Segretarju kellha mal-Greenpak nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015. Infurmajna li kalendarji mhux ser jitqassmu. Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport annwali mill-GreenPak għat-2014. Il-Kunsilliera kienu kurjużi fl-liema post kien jinsab il-Kunsill bħala riċiklaġġ. Skond ir-rapport Ħal Lija tinsab fit-tnax il-post. Ġie deċiż li jintbagħat dan ir-rapport ta' informazzjoni lill-Kunsill kollhu. Is-Sindku nfurmat li l-Green Pak lesti li jippromovu s-servizzi tagħhom jekk nistednuhom għal xi attivita' li jkun ser jorganizza il-Kunsill bħal Jum Ħal Lija. s-Sindku nfurmat li *recycling advisors* ser ikunu preżenti anke ħdejn l-iskola primarja għal ommijiet li jkunu qed jistennew it-tfal. Dan biex jippromovu riċiklaġġ aħjar.

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ilmentat li fil-kantuniera tas-Salvatur il-Qadim qed jintefgħu kull xorta ta' imbarazz bħal injam, siġġijiet, etc... kuljum. Is-Segretarju nfurmat li l-kuntrattur anke boroż bil-ġebel kien ġabar dakinhar. Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq li l-kuntrattur għandu jiġbor biss dak li għandu jiġbor u affarijiet oħra ma jiġbrux għax forsi b'hekk biss jistgħu jitgħallmu n-nies u ma jibqawx jarmu skart li mhux suppost. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit li l-anqas għandu jinġabar iż-żibel meta jintefa taħt it-tabelli ta' 'Tarmix Żibel Hawn'. Is-Sindku ssuġerit li fejn hemm tabelli għandha ssir *sign* oħra li l-ebda imbarazz mhux ser jinġabar minn hemm jekk mhux mis-servizz tal-*Bulky Refuse* kull nhar ta' Sibt. Is-Sinjorina Farrugia qalet li anke ħmieġ tal-klieb ikun hemm ħdejn id-*doggy bins*. Ġie deċiż li għandu jsir iktar

*enforcement* bil-Green Wardens u l-Wardens għal *parking* u traffiku. Għandha ssir *request* lis-Sur David Soler u naraw li l-Wardens għandhom jiġu ta' spiss. Is-Segretarju nfurmat li l-Wardens iridu ikunu tar-ronda għax inkella l-Kunsill ikollu iħallas għal dan is-servizz. Ġie deċiż li ssir *notice* fuq il-*Face Book* u anke fin*-notice boards*, għaqdiet u każini li ser ikun hawn ronda spontanja tal-wardens u l-green wardens fir-raħal biex kulħadd iżomm mal-liġi. Is-Segretarju nfurmat li wara li residenti mill-Housing Estate ħarġu il*-garbage* bejn il-ħadid fit-tarf tal-Housing Estate kif kien mifthiem mill-Kunsill ħafna snin ilu, dawn qalgħu ċitazzjoni għax suppost iħallu il-*garbage* wara l-bieb tagħhom. L-*Authorised Officer* tar-Reġjun Ċentru ikkonferma li il-*garbage* dejjem irid jinħareġ ħdejn il-bieb tar-resident. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed tistaqsi jekk il-*condominium services* għandhomx xi servizz tal-*common parts*. Hija ssuġerit li jkun hemm *wheelable bins* u r-residenti joħorgu xi ħaġa żgħira kull wieħed. Għalkemm il-Kunsill qabel kulħadd staqsa min ser indaddaf dawn il-*bins*. Għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet fuq il- *wheelable bins* u meta il-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar jixtri erbgħa wieħed għal kull blokka, imma xi ħadd mir-residenti irid jieħu ingarigu biex inaddaf dawn il-*bins*. Din tkun xi ħaġa diffiċli għar-residenti għax ħadd mhux ser inaddaf għal ħadd.

5.8 Reġgħu tressqu kwotazzjonijiet fuq il- *Water culvert* fi Triq Giovanni Barbara cċw Transfiguration Avenue. Dan il-*culvert* huwa mpoartanti iktar minn qatt qabel li jsir peress li issa ser ikollna bżonn l-ilma għat-tisqija u għall-latrini. Is-Sindku spjegat li ma stajniex inġibu iktar kwotazzjonijiet ħlief dawk li diġa għandna. L-anqas il-kuntrattur ta' Triq id-Dejqa ma ta kwotazzjoni għax qal li hemm il-*connections* u mhux lest li jagħmel dan ix-xogħol.

Kwotazzjoni mingħand Charlie Spekna – €2000 *excluding* VAT
Camray – €1080 *excluding* VAT

Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ikkonferma li l-HSBC lesti li jisponsorjaw kemm tkun tiswa il-kwotazzjoni. Huwa għandu laqgħa magħhom fl-14 t' April fuq dan is-suġġett għalhekk talab *soft copy* tal-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-ammont ta' €1080 huwa il-fuq mill-*procurement limit*. Imma dan ma jaffetwax peress li dan ser ikun *sponsor*.

5.9 Residenta qed tagħmel *request* għal *doggy bin* fit-Triq il-Kbira inti u sejjer lejn il-Kappella tal-Mirakli, għax m'hemmx. Irid jiġi iċċekkjat eżatt

fejn, għax ir-request mhiex ċara. Meta jiġi identifikat il-post, jiġi konsultat il-Kunsill. Il-Kunsill approva dan ir-*request* u għandha tinxtara *bin* oħra għan-naħa tal-Mirakli.

5.10 Request mingħand Bonnici Brothers, *request* biex isir laqgħa biex jiddiskuti xi prodotti ġodda ta' l-Asphalt. Il-Kunsill qabel ma' dan imma ssir *domonstration* fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela

5.11 Ġie deċiż li l-uniformi ta' l-iskrivana għalissa jinxtraw żewġ qomos tas-sajf, scarf, qalziet jew dublett u waste coat. Il-kumplament jinxtara iktar il-quddiem. L-uniformi ser tinxtara mingħand l-In Design biex inkomplu ma li għandna.

5.12 Residenta li toqgħod nr.15 Triq Preziosi tixtieq tagħmel *request* għal kaxxa żgħira safra quddiem il-bieb tagħha għaliex x' ħin tiftaħ il-bieb jekk ikun hemm xi karrozzi pparkjati u ma tkunx tista toħroġ. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni x'jista jiġri jekk napprovaw dan ir-*request*. Is-Sinjoirna Lorraine Farrugia qalet li kieku din il-kaxxa nagħmluha umbagħad irridu nagħmluha lil kulħadd. Għandna nistaqsu lit-TM għal dan ir-*request* anke peress li r-residenta għandha bankina. Irid jiġi iċċekkjat ukoll hekk din ir-residenta għandiex *wheelchair*.

5.13 Wara sejħa li l-Kunsill kien għamel għal *Youth Ambassador*, is-Sinjorina Isabella Taliana li għalqet sittax il-sena bagħtet lill-Kunsill li tixiteq tiġi kkunsidrata bħala *Youth Ambassador*. Il-Kunsill staqsa jekk il-*Youth Ambassador* għandix tattendi il-laqgħat kollha tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li irid jitwaqqaf is-sotto kumitat ta' żgħażagħ biex jitressqu l-ideat taż-żagħżagħ lill-Kunsill. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hi jidrilha li għandna tattendi kull laqgħa tal-Kunsill. Għandu jiġi iċċekjat dan u x'inhi ir-responsabbilta' tagħhom. Wara li l-Kunsill japprova għandha tintela l-formola mingħand is-Sindku.

5.14 Il-Kunsill irid japprova kwotazzjoni għal *survey* mingħand il-Perit ghall-ammont ta' €800 għal binja tal-Kunsill biex napplikaw għal fondi ta' l-EU. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet ma' ex-Kunsillier mill-ewwel Kunsill li kkonferma li l-art ta' ħdejn it-tennis court ħdejn is-siġar tal-Kunsill, qatt ma kienet ġiet devoluta lill-Kunsill. Is-Segrearju nfurmat ukoll li wara ħafna attentativi irrnexxilha titkellem mal-Lands fejn ikkonfermaw ukoll li ma jistgħux isibu xejn fuq devoluzzjoni ta' din il-biċċa art. Kull ma sabu kien it-*Tennis Court* li ġie devolut lil *Sports Association*. L-ewwel li irid isir huwa li jsir *request* għad devoluzzjoni lill-*Lands Department* cc lid-Direttur tal-*Local Councils*. Is-Sindku nfurmat li l-playing field jieħu ħsiebu l-Kunsill. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk hemmx kuntratt fuq il-playing field peress li dan kien ġie devolut lill-Kunsill ħafna snin ilu. Irid jiġi iċċekkjat dan. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dakinhar hija flimkien mas-Segretarju kienu tkellmu ma' l-assistent tal-Perit fejn dan qal eżatt x'irid isir fuq il-proġett tal-Binja tal-Kunsill. L-ewwel u qabel kollox din l-art trid tiġi devoluta lill-Kunsill, wara nitkellmu ma' l-entitajiet kollha bħal Maltapost, Social Services, banek u

jsiru laqgħat magħhom. Apparti minnhekk huwa qed jisuġerixxi li aħjar nikkonċentraw fuq l-isqaqien milli fuq Transfiguration Avenue għax b'dan il-proġett jittieħdu iktar fondi iktar kemm ikollok punti u l-proġett ta' l-isqaqien huwa l-iktar proġett sħiħ b'iktar ċans li jittieħdu fondi. Irrelevanti x' materjal jintuża għal l-isqaqien l-aqwa li jsir *resurfacing*. Fuq il-binja tal-Kunsill, dik isir wara. Is-Segretarju nfurmat li għal proġett ta' l-isqaqien m'hemmx bżonn pjanti u surveys allura l-Kunsill ikun jaqbillu minħabba finanzi. Il-ħlas tal-Perit f'dan il-proġett ser jiġi *co-financed* mill-proġett stess. Is-Sindku u s-Segretarju kkonfermawli għandu jsir *double checking* fuq li l-Kunsill ma jkolliex spejjes fuq dan il-proġett. Is-Segretarju staqsiet fuq id-deċiżjoni li l-Kunsill ser jieħu fuq il-kwotazzjoni tas-Survery fuq il-binja tal-Kunsill. Id-deċiżjoni ħarġet waħidha li *at this stage* il-Kunsill ma jistax jaħdem fuq il-binja tal-Kunsill qabel ma jkollu id-devoluzzjoni ta' l-art. Is-Segretarju nfurmat li *way back* saru xi sqaqien bħal Sqaq Nru.1 Triq Preziosi u Triq Preziosi. L-ewwel priority għandhom isiru l-isqaqien li qatt ma saru. Għanda tinġabar lista ta' l-isqaqien kollha. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant issugerixxa u l-Kunsill qabel li l-*wiring* ta' dawn l-isqaqien isir min taħt.

5.15 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*fuel expenses* tal-ħaddiema – Is-Sur Michael Bedingfield għamel 10.4km @ 0.35c = €3.64 u darbtejn għamel ir-raħal kollu bħal patching fl-aħħar tas-sena meta kien qed jissewwa il-van. Is-Sur Dennis Incorvaja għamel 40km @ 0.35c= €14.00 13.01.15 Valletta LC, 20.01.15 Iklin u Marsa, 26.01.15 Swatar Awdituri u l-attivita tal-*Father Christmas*. Fuq ir-ronda ta' madwar il-raħal il-Kunsill irid jiddeċiedi *lump sum* kemm ser nagħtu bħala *fuel expenses*. Il-Kunsill iddeċieda €10.00 kull darba li daru mar-raħal. Dawn il-pagamenti ser ikunu fl-iskeda għal laqgħa li jmiss.

5.16 Request mingħand resident rigward is-sleeping policeman ta' Triq Sant' Antnin bidu ta' Triq Annibale Preca biex tibaxxa ftit. Il-Kunsill iddeċieda li għal issa din ir-*request* ma jipproċedux biha għax din saret minħabba l-*flooding* fi Triq San Anton wara li saret Triq Annibale Preca. Is-Sindku nfurmat u iċċirkolat dokument lill-Kunsill li fuq dan il-każ issa ser ikollu jitla l-Qorti. Is-Sindku fakkret li l-ispiża hija ta' €14,000 fuq dan il-kas. Dr. Kris Balzan, l-Avukat tal-Kunsill ser jiġbor id-dokumenti kollha relatati mal- każ, mill-uffiċċju tal-Kunsill

5.17 Claim mingħand resident li joqgħod Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela rigward ħsarat li ġarbet fil-karozza tiegħu f'din it-trejqa bl-ammont ta' €203.64. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet qalet li għandhom isiru tabelli li 'hemm il-potholes u sakemm tiġi biex tissewwa, din it-triq hija perikoluża ħafna. Għandna niċċekkjaw dan ma' l-Avukat tal-Kunsill biex naċċertaw ruħna li din ma iddurx kontra l-Kunsill

5.18 *Reminder* fuq *request* għal bankina fi Triq Annibale Preca 'Bronja', il-kwotazzjoni għal din il-bankina hija ta' €350. Kwotazzjoni oħra għal bankina ta' ħdejha quddiem 'the Pines' hija għal ammont ta' €400. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li r-resident tad-dar 'Bronja' kien mar il-

Kunsill irrabjat ħafna għax din ada ma saretx. Il-Kunsill iddeċieda li dawn iż-żewġ bankini isiru mill-fondi tar-Reġjun Ċentru għax dan huwa bħala proġett.

5.19 Il-Kunsill iddeċieda li jinġiebu ħaddiema mill-IPSL minbarra il-ħaddiema tal-Kunsill biex jibnu l-ħajt tal-Mitħna. Għandu jiġi kkuntatjat l-IPSL biex jinbagħtu bejn ħames jew sitt ħaddiema

5.20 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq ir-*rubber* tal-*playing field* iż-żgħir fiċ-Ċentru Rekreattiv fejn dan bis-sħana issa qed jogħla. Għandna nitkellmu mal-ħaddiema tal-Kunsill biex jgħidulna x'jista jsir.

5.21 Resident xtaq jagħmel *request* għal *double yellow lines* quddiem l-entratura tal-bieb tal-garage tiegħu fi sqaq nru.1 Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsilll iddeċieda li għandu jiġi iċċekkjat iktar fuq dan ir-*request* għax jekk jintilef *parking space* il-Kunsill ma jaqbilx. Irridu ukoll nieħdu l-approvazzjoni tat-TM.

## 6. KOMMUNIKAZZJONI MINGĦAND IL-KUNSILLIERA

6.1 Is-Sur Massimo Scerri staqsa x'kien ġara fuq il-pagament ta' l-Insurance fuq il-van tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li dak il-pagament kien approvat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill għax kien kont tas-sena l-oħra u kellu jitħallas. Huwa staqsa fuq il-kont ta' din is-sena peress li kien għoli ukoll. Għal din is-sena kellna nibqgħu bl-istess *insurance* għax ma kienx hemm ħin biex jinġiebu kwotazzjonijiet oħra.

6.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi irċeviet messaġ fuq ilment dak il-ħin mingħand resident li ser jiġi joqgħod fi Triq Robert Mifsud Bonnici fejn għandu problema ta' sadd mill-Water Services Corporation peress li qed ikun hemm ħafna nemus. Huwa qal li suppost il-WSC kellhom issewwu il-ħsara sa l-aħħar tax-xahar l-ieħor billi trid tinfetaħ it-triq Robert Mifsud Bonnici, imma s'issa ma ġie ħadd. Din it-triq hija triq li għada b'tarmac ġdid li saret ftit ta' snin ilu. s-Segretarju għandha tikkuntattjah u tara x'jista jsir.

6.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, poġġiet ilment ieħor li wara l-Garields *Stationery* fi Triq Geraldu Azzopardi qiegħed joqgħod l-ilma. Hija qalet li ħadet *second opinion* mill-Perit privat tagħha u qalilha li jekk issir 20mm gutter biex l-ilma jiġi *drained* tissolva l-problema. Hija tixtieq l-opinjoni tal-Kunsill qabel ma' tiltaqa mal-perit tagħhom. Hija qalet ukoll li għandna nieħdu l-opinjoni tal-Perit tal-Kunsill b'email ukoll qabel ma niltaqgħu mal-Perit tagħhom.

6.4 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-ktieb Ħal Lija fi Tfuliti ta' Sur Salvu Sammut, jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Segretarju nfurmat li żviluppi ma kienx hemm ħlief li dan l-aħħar is-Sur Sammut ġab karta biex inpoġġuha fil-ktieb wara li ġie issuwjat għax uża xi ritratt bla permess.

6.5 Huwa staqsa x'ser jiġri minħabba li r-*rubber tal-playing field* iż-żgħir peress li issa bis-sħana qed jogħla. Irridu nistaqsu lill-ħaddiema tal-Kunsill x'jista jsir. Il-ħaddiema kienu ta' l-idea li fix-xitwa inħallu ftit spazju biex meta ir-rubber jespandi ikollu fejn jistrieħ.

6.6 Huwa ressaq ilment ta' toqba fi Triq Ġiovanni Barbara li kien għamel Spekna. Din ghandhom jagħmluha il-ħaddiema tal-Kunsill.

6.7 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-*bollards* ta' ħdejn il-*letter box* fil-pjazza ta' hdejn il-Knisja għaliex dawn għadhom ma sarux. Is-Segretarju nfurmat li l-ebda bollard ma ġie ordnat minħabba l-flus. L-uniku *bollard* li ġie ordnat kien dak ta' triq il-Mitħna u anke mera għal l-istess triq ukoll. Is-Sindku staqsiet fuq ir-*reseved parking* ta' l-Arċisqof. Din ġiet ordnata ukoll flimkien mad-deleantarors ta' Triq id-Dejqa.

6.8 Il-kopplu ta' Triq il-Mitħna ta' Mrs.Young għandu jersaq iktar il-ġewwa għax qiegħed il-barra ħafna.

6.9 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq l-iskema 'for accessibility' li kienet waslet xi sena ilu biex inkunu ippreparati u nlestu x-xogħol għal meta terġa toħroġ din is-sena biex inkunu nistgħu napplikaw għal dawn il-fondi meta toħroġ l-iskema.

6.10 Il-Minoirty Leader staqsa jekk hux ser issir il-ħarġa ta' kull sena għal Għawdex. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet hi ser tieħu ħsieb din l-attivita'. Issemmew ta' Mena, l-Odessy Restaurant biex jagħtuna package tajjeb. L-attivita hija proposta li ssir għal l-aħħar ta' Mejju 2015.

6.11 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tixtieq torganizza il-ġita għal Sqallija għal l-aħħar ta' Ġunju 2015. Ġie deċiż li l-*flyers* nagħtuhom lill-ħwienet, il-każini u anke javża il-Kappillan fl-avviżi tal-knisja.

6.12 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant, issuġerixxa li triq id-Dejqa tingħalaq bil-*bollards* u tal-*grocer* biss ikollha iċ-ċavetta tal-*bollards*. Il-Kunsill ma' qabilix assolutament ma din il-proposta. Dr.Sant qed jisuġerrixxi dan biex jipproteġi din it-triq li swiet diġa €25,000 mill fondi tal-UIF. Ma jkunx *fair* għan-nies li iridu iġorru l-affarijiet għal ġo dar tagħhom imma li l-iktar ħaġa mportanti huwa li ma jipparkjawx. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li qatt ma pparkjaw ġewwa din it-triq u qed jipparkjaw barra għax il-kuntrattur għalaq bil-*bollards*. Hemmhekk ir-residenti kollha jaqblu bejniethom. Il-Kunsill qabel li l-iktar ħaġa importanti hija li ma jidħlux *heavy vehicles*. Ġiet proposta li jsiru xi *signs*.

6.13 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qed jisuġerixxi li nqabdu persuni jew kumapniji fuq freelance li jkunu jistghu jghinuh biex jikseb fondi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-persuni jew kumpaniji jithallsu permezz tal-progett li jkunu gabu lejn il-Kunsill ghax ikunu il-Project Manager. Dr. Sant qal li jrid ikun xi hadd jifhem fuq dawn il-fondi, bhal per ezempju xi hadd li kien jahdem mal-MEUSAC u li huwa kapaci li jaghti l-pariri fuq dan is-suggett. Is-Sindku qalet li għandha laqgħa ma xi ħadd mill-EU u ser titkellem fuq dan is-suġġeriment magħhom. Is-Segretarju qalet li kienet tkellmet ma' Clayton u qal li xi nies mill-MEUSAC għaqqdu kumpanija għalihom fuq dan. Dawn ma jiċċarġawx lill-Kunsill imma

jitħallsu mill-proġett. Huwa jaf Kunsilli Lokali li qed jużaw dan is-servizz. Kulħadd jaqbel li l-Kunsill għandu bżonn dan is-servizz u anke naħsbu fuqu serjament.

6.14 Il-Minoirty leader, issuġerixxa li waqt il-laqgħa ma insemmux ismijiet l-anqas għandhom jinkitbu fil-minuti għax inkunu 'defeating the purpose'. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.15 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk l-isem ta' Triq id-Dejqa l-ieħor jista jitwaħħal issa li triq lesta. Dan ser jitwaħħal mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.16 Trid tiġi ordnata il-plate ta' Triq Annibale Preca faċċata tas-sala tal-Mirakli, għax inkissret

6.17 Is-Sinjoirna Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-mera ta' faċċata ta' Triq San Licinju jekk din ġietx ordnata u faċċata ta' Triq Dun Ġużepp Tanti kellu tiġi mnadfa għax imtappna kollha. Is-Segretarju nfurmat li ħaddiema naddfu xi mera u minn żewġ mirja ħżiena għamlu mera tajba. Iridu jiġu iċċekkjati il-mirja.

6.18 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-attivitajiet li hi tixtieq torganizza għas-sajf. Hija qalet li tmur 'on the minimum costs'. Hija qalet li trid tagħmilha iktar atrajenti billi iżomm *to the minimum.* Hija qegħda tisugerixxi li jsiru *photocopies* mill-uffiċċju. Is-Segretarju qalet li l-*printers* li għandha ma jifilħux għal dan l-ammont ta' *printing*. Hija qalet li forsi torganizza madwar sitt attivitajiet. Is-Sindku qalet li ma aħniex ser nofqu la għal flyers u l-anqas għal xejn għax ma nistgħux. Kemm l-awdituri u kemm l-*accountant* dejjem ġibdulna l-attenzjoni li ma nistgħu nonfqu xejn. Is-Sinjorina Farrugia qalet li ser ninkludu kollox fil-prezz.

6.19 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant staqsa dwar id-€19,000 kull xahar fejn qed imorru. Is-Segretarju spjegat li minbarra l-iskeda fejn ikun hemm il-pagi u ċekkijiet urġenti qed jitħalsu ċ-ċekkijiet li saru s-sena l-oħra f'Novembu, Diċembru għadhom ma ġewx impustati. Hija qalet li hemm madwar €45,000 *invoices* bejn Jannar u April li għadhom ma sarux. Din id-darba ma hemmx skeda peress li ma kienetx daħlet l-allokkazzjoni, imma s-Segretarju nfurmat li kienet propja daħlet l-allokkazjoni f'dik il-ġimgħa. s-Segretarju nfurmat li morna mhux ħażin fl-ewwel skeda fejn għad fadal madwar €2,000 *over*.

6.20 Il-laqgħa li jmsiss ser isir l-Erbgħa 13 ta' Mejju fil-5.00p.m.

6.21 Is-Segretarju nfurmat fl-14 t'April fit-3.30p.m. ser isir laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.

## 7. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fl-20.00 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi — Georgette Borg

Sindku — Segretarju Eżekuttiv